repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

Is-Sur Carmelo Magri
Aġent Kummissarju tal-Pulizija
Pjazza San Kalċidonju
Floriana FRN 1530

21 ta' Ġunju 2020

Għażiż Sur Magri,

Niktiblek in konnessjoni ma' l-ittra tiegħi lilek datata l-15 ta' Ġunju 2020.

Fl-imsemmija ittra f'isem il-moviment Repubblika tlabtek tipprovdi mingħajr telf ta' ħin lill-Avukat Dr Jason Azzopardi u lil kull min jinsab fil-periklu minħabba il-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia bi protezzjoni adegwata.

Jirriżulta li l-għada s-16 ta' Ġunju sar kuntatt telefoniku ma' Dr Azzopardi dwar dan is-suġġett, iżda sussegwentement ma ttieħditx azzjoni adegwata f'dan ir-rigward.

Mill-ġdid infakkrek li hu evidenti li l-persuni li ikkummissjunaw, pjanaw u wettqu l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia huma persuni b'saħħa kbira u b'konnessjonijiet u infiltrazzjoni politika u istituzzjonali kbira ħafna, inkluż fil-Korp tal-Pulizija.

Fid-dawl ta' dan u tal-aħbarijiet xokkanti li qed nismgħu bihom f'dawn il-jiem b'rabta mal-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, mill-ġdid nitolbok tipprovdi mingħajr telf ta' ħin lill-Avukat Dr Jason Azzopardi u lil kull min jinsab fil-periklu minħabba l-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia bi protezzjoni adegwata.

Dejjem tiegħek,

Prof. Vicki Ann Cremona

Kopja:

L-E.T. il-President tar-Repubblika
Il-prim ministru Robert Abela

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com